MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 898/1990/1

**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo in rapprezentanza tal-MID-MED Bank Limited u b' nota tat-13 ta' Jannar 1998 l-isem ta' Mid-Med Bank Limited gie sostitwit ghal Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota ta' 9 ta' Dicembru 1999 l-isem tas-socjeta` nbidel ghal H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. b'effett mill-1 ta' Dicembru, 1999.**

**v.**

**Josephine Carol Farrugia mart John**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Awissu 1990, quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc, l-attur nomine ppremetta illi nhar il-31 ta' Lulju 1990, il-konvenuta pprezentat ruhha mal-counter tas-Savings Branch tal-Banka attrici, Republic Street, Valletta sabiex tigbed minn Savings Account taghha is-somma ta' tmien mitt lira (LM800), vide l-withdrawal voucher (Dokument A); illi l-kaxxiera bi zvista qrat hazin il-voucher, u minflok tat lill-konvenuta s-somma ta' LM800 skond dan il-voucher, il-kaxxiera tat-lill-konvenuta is-somma ta' tmint elef lira (LM8,000); illi sakemm gie skopert l-izball, il-konvenuta kienet gia` harget mill-branch, u minkejja sforzi sabiex tigi rintraccjata, din ma nstabitx mal-ewwel, stante li ma marritx direttament lejn darha, u meta giet kontattjata hija cahdet li hadet iktar mis-somma ta' LM800; illi impjegati tal-banka attrici kif ukoll xhieda estranei nnutaw li l-konvenuta irceviet bosta pakketti ta' kontanti minghand il-kaxxiera imsemmija, u meta t-"Till" giet maghluqa u ttiehed il-bilanc taghha rrizulta nuqqas ta' sebat elef u mitejn lira (Lm7,200); ghalhekk jirrizulta li l-banka attrici wettqet bi zball pagament ta' somma indebita ta' sebat elef u mitejn lira (LM7,200) lill-konvenuta li, ghall-istess motiv, hija tenuta ghar-rifuzjoni ta' l-istess; dan premess is-socjeta` attrici talbet li prevja okkorrendo li tiddikjara li hija hallset indebitament lill-konvenuta s-somma ta' sebat elef u mitejn lira (LM7,200) dik il-Qorti:-

1. tikkundannaha sabiex thallas lill-attur is-somma ta' sebat elef u mitejn lira (LM7,200) kif ukoll l-imghax legali mid-data tal-1 ta' Awissu, 1990; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati numri 1957/1990, 1958/1990 u 2042/90 kontra l-konvenuta li tibqa'ingunta ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fil-15 ta' Jannar 1992, il-konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-3 ta’ Lulju 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u laqghet it-talbiet attrici kif dedotti u kkundannat lill-konvenuta thallas lill-Bank attur is-somma ta’ sebat elef u mitejn Lira Maltin (LM7,200), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni, cioe`, mill-10 ta’ Awissu 1990, sal-pagament effettiv, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta u dana wara li qalet is-segwenti:-
“Illi f’din il-kawza il-Bank attur qed jitlob li jinghata lura s-somma ta’ LM7,200 li kaxxiera minn taghha ghaddiet indebitament lill-konvenuta.

“Jirrizulta mill-prova li l-konvenuta kellha *Savings Account* numru 304230134 mas-*Savings Office* tal-Bank attur, li dak iz-zmien kien maghruf bl-isem ta’ Mid-Med Bank; il-*Branch* fejn kellha dan il-kont kien il-Belt, fi Triq ir-Repubblika (quddiem il-Borza). Fil-31 ta’ Lulju, 1990, il-konvenuta marret f’dan il-*Branch* u talbet li tigbed LM800 mill-kont taghha. Dak iz-zmien, il-klienti li riedu jigbdu l-flus mill-kont taghhom, riedu l-ewwel jattendu ghand kaxxier biex tintela’ *voucher* indikanti s-somma li trid tingibed, u wara li dik it-talba tigi accettata, bil-firma tal-*clerk* li jkun awtorizza l-izbank wara verifika li jkun ghamel fil-kont tal-klienta partikolari, il-klijenta tmur bil-*voucher* hekk iffirmata mill-*clerk* ghand kaxxier iehor biex tinghata l-flus. Il-konvenuta, kif inghad, marret biex tigbed LM800 u l-ewwel kaxxier li kellmet mlielha l-*voucher* li fiha hemm indikat li, fil-kont taghha, il-konvenuta kellha depositu ta’ LM2168, u wara li tnaqqas it-LM800 li talbet, jibqala bilanc ta’ LM1368. din il-*voucher* giet debitament iffirmata mill-*clerk* koncernat u mill-konvenuta. Din ta’ l-ahhar, bil-*voucher* f’idejha, marret ghand kaxxiera ohra biex tiehu l-flus. F’dan il-kaz, din it-tieni kaxxiera kienet Helen Azzopardi. Meta l-konvenuta resqet lejn din il-kaxxiera, ippresentatilha l-*voucher*. Skond il-kaxxiera, din, bi zball, qrat il-*voucher* bhala li kienet tawtorizza pagament ta’ LM8000 u taghtha dik is-somma; il-konvenuta tghid li hi giet moghtija it-LM800 biss li talbet.

“Mill-provi jirrizulta wkoll li fil-*cash book*, hemm imnizzel li mill-kont tal-konvenuta sar pagament ta’ LM800, izda minn cekjar fiziku li sar tal-kexxun tal-kaxxiera in kwistjoni, ftit wara li spiccat din it-transazzjoni partikolari, irrizulta li bejn il-kotba u l-flus kien hemm diskrepanza ta’ LM7,200.

“Il-kaxxiera in kwistjoni, Helen Azzopardi, xehdet li dak iz-zmien hi kienet tahdem fil-Foreign Exchange Unit tal-Bank attur, izda, meta tinqala’ gurnata li jkun hemm hafna nies fil-bank, hi gieli taghmel xoghol ta’ kaxxiera. Kienet tahdem hekk ta’ kaxxiera xi darbtejn fil-gimgha, dejjem skond il-volum tax-xoghol.

“Dak inhar in kwistjoni, il-Bank kellu volum kbir ta’ nies li riedu jinqdew u din il-kaxxiera nizlet tghin taqdi n-nies. Lejn l-ahhar tal-gurnata qdiet persuna, rappresentant ta’ ditta klijenta tal-Bank, li ddeposita somma kbira ta’ flus fi flus kontanti; is-somma kienet ta’ LM13,000. Wara li qdiet lil dan giet mara ohra li riedet issarraf cekk intestat fuq bintha. Peress li dan ic-cekk kien kwalifikat bil-kelma ‘*only*’, il-kaxxiera qaltilha li hi setghet taghti l-flus lit-tifla biss. L-omm bdiet tirrabja u tghajjat u anke issabbat fuq il-*counter*, baqghet hekk tghajjat sakemm dahlu tas-*security* u hargu lill-mara mill-Bank. Il-kaxxiera infixklet b’dan l-incident u bdiet tibki. Hi pero` baqghet mal-*cash* u l-persuna li qdiet wara kienet il-konvenuta. Il-kaxxiera ivverifikat il-firem fuq il-*voucher* li ppresentatilha l-konvenuta, u peress li hasbet li l-*withdrawal form* kienet ghall-ammont ta’ LM8,000, u peress li fil-kaxxun inzerta li kellha bizzejjed cash biex tkopri dik is-somma, hallsitha LM8000. Fil-fatt taghtha 8 pakketti ta’LM1000-il wiehed. Il-flus kienu hekk ippakkjati ghax meta l-kaxxiera jircievu depositu ta’ flus konsiderevoli, dawn jaghmluhom fil-*bundles* ta’ mija l-wahda, u jdawruhom b’tag ta’ kulur skond id-denominazzjoni) li tindika li dak il-pakkett fih mitt karta ta’ dik id-denominazzjoni, f’dan il-kaz, il-pakketti kienu ta’ flus ta’ LM10, imdawrin b’*tag* hadra, il-kulur tad-denominazzjoni partikolari. Peress li dik il-kaxxiera kienet ghadha kif ghaddiet il-flus li rceviet minghand persuna ohra u ghamlithom f’*bundles* ta’ mija, ma ghaddithomx mill-gdid, izda poggiethom quddiem il-konvenuta u staqsietha jekk riedetx tghoddhom; din qaltilha li kienet

mghaggla hafna u l-flus ma gewx mghoddija. Hekk kif il-klijent[a] kienet hierga mill-Bank, il-kaxxiera indunat bl-izball. Dak il-hin ma setghetx tghid lis-*security officer* izzomm lill-konvenuta fil-Bank, ghax minn fejn kienet ma setghetx tarah (Victor Vella fol. 150). Hi, allura sakkret il-kaxxun taghha u marret tigri wara l-konvenuta, pero` meta harget mill-Bank ma rathiex.

"Il-konvenuta, da parti taghha, tghid li meta marret ghall-flus, il-kaxxiera harget mill-kaxxun pakkett wiehed imdawwar b'tag hadra, u minn dak il-pakkett harget LM800, ghaddewhom u taghthomlha. Meta, aktar tard matul il-jum, il-konvenuta nstabet mis-*security* tal-Bank u marret lura l-Bank write li fil-basket kellha biss LM800 sfuzi. Hi cahdet mill-ewwel li qatt irceviet LM8000 kif allegat il-kaxxiera.

"Kif jidher dan hu kaz li jistrieh kompletament fuq apprezzament ta' fatt. Hi hsara li kaz bhal dan mhux se jigi deciz minn min sama' viva voce l-versjonijiet tax-xhieda principali, biex ikun jista' jsir apprezzament ahjar tal-verzjoni taghhom. Fil-fatt ser jirrizulta, mhux biss li z-zewg xhieda principali instemghu minn zewg gudikanti differenti, izda d-decizjoni se tinghata min gudkant li ma sama' lil hadd minnhom.

"Din il-Qort fliet sew ix-xhieda u jirrizulta li, bhala fatt, il-kaxxiera in kwistjoni instabet *short* fis-somma ta' LM7200. Il-konvenuta kienet l-ahhar persuna li nqdiet mill-kaxxiera in kwistjoni, u meta din indunat bl-izball, ghalqet il-kexxun u ppruvat tfittex lill-konvenuta. Il-kexxun infetah quddiem l-ufficjal li ghamel ir-*reconciliation*, certu Godwin Spiteri, li sab in-nieqes indikat (fol 166). Dan ikkonferma li wara li ccekkja l-kotba tat-*transactions* tal-kaxxiera in kwistjoni u l-flus li din effettivament kellha fil-kaxxun, sab li kien hemm *short fall* ta' LM7200 (ara xhieda tieghu a fol 75); din id-diskrepanza giet konfermata wkoll mill-Ufficjal Michael Curmi (fol 53 tal-process). B'hekk. Jirrizulta pruvat li l-Bank tilef is-somma ta' LM7200, u din is-somma, mic-cirkostanzi tal-kaz, jew ittiehdet mill-kaxxiera Helen Azzopardi jew mill-konvenuta, kif tallega din il-kaxxiera. Hadd iehor ma kellu access ghall-kexxun in

kwistjoni, ghax kif qalet Helen Azzopardi, meta illargat biex tfittex lil dik il-klijenta partikolari, hi sakkret il-kaxxun u dan infetah minnha stess fil-presenza ta’ Godwin Spiteri li, quddiemha ghamel ir-*reconciliation* indikata.

“Bl-ghazla hekk ridotta, jibqa’ biex jigi determinat, jekk hu possibbli, min minn dawn it-tnejn effettivament ha l-flus indebitament. Hawnhekk, il-Qorti trid tirrimarka li mhix se tiddeciedi xi htija kriminali, u kwindi mhux mehtieg li r-responsabbilita` tirrizulta minghajr dubbju ragjonevoli. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet irrevokat id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, u illiberat lill-konvenuta minn kull imputazzjoni ta’ htija, ma tfissirx li din il-Qorti ma tistax, fuq bazi ta’ probabbilita`, issib lill-istess konvenuta responsabbli ghan-nuqqas. In vista tad-differenza fil-grad ta’ prova mehtiega miz-zewg Qrati, hu possibbli, u gieli hekk jigri, li persuna tinsab mhux hatja mill-Qorti Kriminali, izda responsabbli ghad-dani mill-Qorti Civili u dan b’rizultat ta’ l-istess incident.

“Fl-evalwazzjoni tax-xhieda, din il-Qorti ser tiskarta d-dokumenti li l-Bank attur esebixxa bir-Rikors tieghu tas-16 ta’ Novembru, 2001 (fol 228) u dan peress li dak id-dokument ma jikkostitwix prova kif trid il-ligi. Ghal kull buon fini, din il-Qorti, ghalhekk, qed tichad it-talba hemm maghmula biex id-dokument anness jitqies bhala prova.

“Fl-analizi tal-provi, din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda ta’ Manfred Tanti u ta’ Simon Debono, zewg kaxxiera li kienu jahdmu mal-kaxxiera in kwistjoni, Helen Azzopardi, li dak inhar kienu qed jahdmu hdejha. Din il-Qorti thoss li l-versjoni li taw dawn ix-xhieda taghti kredibilita` lill-versjoni ta’ Helen Azzopardi u ma tarax ghaliex ghandha tiskarta x-xhieda taghhom.

“Manfred Tanti ikkonferma (fol 26) li ra lil Helen Azzopardi thallas lill-konvenuta “hamsa u setghu kienu aktar” pakketti ta’ elf lira l-wiehed. Dawn il-pakketti kienu jikkontjenu mitt karta ta’ ghaxar liri-il wahda, mizmumha b’*tag* hadra (il-kulur tal-karta ta’ flus ta’ LM10). Ikkonferma – kuntrarjament ghal dak li allegat il-konvenuta – li l-flus

ma inghatawx sfuzi u ma gewx mghoddija, izda lill-konvenuta ra tghodd il-pakketti.

"Simon Debono, wara li spjega kif il-flus jigu mizmuma b'*tags* bil-kulura tad-denominazzjoni partikolari, xehed li ra lil Helen Azzopardi tircievi depositi konsiderevoli ta' flus, u wara, taghti "pakketti ta'flus" lill-konvenuta; hu ma jafx kemm kienu flus, izda kienu "minn hames sa sitt pulzieri gholi ta' bank notes ta' valur ta ghaxar liri l-wahda" (fol 33). Is-somma ta' LM800 fi flus ta' ghaxar liri, ma tista` qatt tkun f'mazz gholi ta' hames jew sitt pulzieri, kwindi l-flus li hadet il-konvenuta bilfors li kienu aktar minn hekk.

"Dan ix-xhud qal ukoll li l-kaxxiera Helen Azzopardi indunat bl-izball mill-ewwel, u hu u xi haddiehor marru jfittxuha, izda ma sabuhiex. Interessanti, l-ahhar parti tax-xhieda tieghu fejn qal li, meta eventwalment, il-konvenuta nstabet u giet il-Bank, din harget mill-basket taghha LM800 biss, u ddeskriva dan l-att da parti tal-konvenuta bhala "a joke" u dan "ghax jiena rajt il-munzelli ta' liri li kienet irceviet u meta rajt dan li giebet indunajt li ma kienx dak li rceviet". Din l-istqarrija wahedha, jekk emnuta – u din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex temminha – hija fatali ghat-tezi tal-konvenuta.

"Din il-Qort thoss li x-xhieda ta' Helen Azzopardi hija wahda verosimili u kredibbli. Kienet ghadha kemm dahlet somma konsiderevoli ta' flus f'*cash* u din, kif hija l-prattika tal-Bank, ghamlithom f'*bundles* ta' mitt karta 'l wahda; hafna minn dawn il-flus kienu karti ta' valur ta' LM10, u, ghalhekk, kienu mizmuma b'*tag* hadra. Ezatt wara dan id-depozitu, kellha incident ma klienta ohra li bdiet tghajjarha, tghajjat u ssabbat fuq il-*counter* quddiemha, il-kaxxiera zgur li spiccat ecitata, tant li bdiet tibki. Kif kienet hekk kommossa, giet il-konvenuta b'*voucher* ghal LM800 (bis-somma ta' flus miktuba bi kliem, li fil-verita` mhux daqshekk car, tant li, jekk persuna tkun mifxula, u mhux regolari tahdem bhala kaxxiera kif kienet Helen Azzopardi, facli tfixkel l-ewwel "h" ghal "th"), izda l-kaxxiera taghtha, minflok, tmien pakketti ta' LM1000-il wiehed. Meta Helen Azzopardi giet biex tirrikordja t-transazzjoni fil-*cash book* taghha, rat il-*voucher*, nizzlet LM800, u mill-ewwel,

indunat bl-izball. Kif ikkonferma Michael Curmi (fol 132), il-kaxxiera jahdmu wahedhom, u ma hemmx *double checking*, u, kwindi, ma kien hemm hadd li jindika l-izball qabel ma sehh.

“L-ufficjali tal-Bank xehedu li skond il-procedura l-kaxxiera suppost jaghmlu l-*entry* fil-*cash book* qabel ma jaghtu l-flus, u li suppost ukoll jaghmlu analizi tal-flus li se jinghataw, qabel ma fil-fatt jithallsu pero`, ikkonfermaw li din il-procedura gieli ma tigix segwita, fis-sens li l-analizi tal-flus ma ssirx, u l-*entry* fil-*cash book* issir wara t-transazzjoni partikolari (ara x-xhieda ta’ Victor Vella a fol. 144 u 145 tal-process). Mehud kont tal-fatt li Helen Azzopardi kienet ecitata u li l-konvenuta kienet l-ahhar persuna li kienet ser taqdi dakinhar, hu verosimili li din hasbet biex l-ewwel taghti l-flus lill-klijenta, halli din tillarga minn quddiemha, u wara tikteb l-*entry* u taghmel ir-*reconciliation* fil-kwiet.

“Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma ssibx lill-konvenuta kredibbli. Baqghet tinsisti li hadet il-flus sfuzi mizmuma b’lastiku, meta hemm zewg xhieda li stqarru li rawha tiehu pakketti ta’ flus mizmuma b’*tag*. Harget ukoll bl-istorja tal-*pouch* fejn qalet li poggiet il-flus, biex tipprova turi li LM8000, kieku hadithom, ma kienux joqoghdu fil-*pouch* fejn qalet li poggiet il-flus. Mhux biss, pero`, hadd ma raha tpoggi l-flus fil-*pouch*, izda dritt fil-baskett, izda fil-fehma ta’ din il-Qorti din l-istorja tal-*pouch* “ma hi xejn hlief storja” biex il-konvenuta tipprova tiggusifika t-tezi taghha li ma setghetx hadet LM8000, storja li din il-Qorti, pero` ma tnizzilx.

“Il-konvenut[a] ppruvat turi wkoll li wara l-Bank marret dritt it-“Tico Tico”, bar fi Strada Stetta, fejn hemm iltaqghet ma’ habiba taghha u, wara li hadu kafe, marru flimkien id-dar, fejn sabet is-*security* tal-Bank jistennewha. Hemmhekk, giet mitluba tiftah il-basket li kellha u nstab li kellha biss LM800 fih. Il-konvenuta, b’hekk, trid turi illi kieku kellha LM8000, dawn kienu jinstabu fuqha ghax ma kellha ebda opportunita` tiddisponi mill-flus. Fil-ffehma tal-Qorti, pero` sakemm il-konvenut[a] waslet fit-“Tico Tico”, hi kienet wahedha u setghet facilment “tahbi” l-flus zejda li nghatat.

X-xhieda li tat Mary Muscat ma tantx tghin lill-konvenuta. Din ix-xhud qalet li marret it-“Tico Tico” biex tistenna lill-konvenuta peress li kellhom imorru flimkien ghand agenzija tal-ivvjaggar biex ihallsu ghall-vjagg li kien behsiebhom jaghmlu lejn it-Turkija. Meta waslet il-konvenuta, hadu kafe’ u wara baqghu sejrin dritt lejn id-dar; ma marrux ghand l-agent tal-ivvjaggar ghax, sa dak il-hin, kien tard u kienu jafu li lahaq ghalaq. Ma giex spjegat ghaliex, meta waslet il-konvenuta, ma marrux dritt lejn l-agent tal-ivvjaggar taghhom flok qaghdu jistennew li “jsir il-hin” u hadu l-kafe’. Probabbli, qaghdu jiehdu l-kafe’ peress li, meta waslet il-konvenuta fil-bar, kien gia tard wisq, cioe`, mhux ezatt wara li harget mill-Bank. Hi x’inhi, ix-xhieda ta’ Mary Muscat ma hi ta’ ebda ghajnuna ghall-konvenuta, ghax ma tkoprix il-hin ta’ ezatt meta l-konvenuta harget mill-Bank.

“Ta’ min jirrileva li fejn jinsab il-Bank fi Triq ir-Repubblika l-Belt, hemm telgha u triq ftit twila sal kantuniera fejn hemm il-Palazz tal-President, id-direzzjoni li hadet il-konvenuta, u kieku verament hadet dik ir-rotta (u mhux in-naha l-ohra, lejn id-dar taghha, fejn it-triq sal kantuniera hi qasira) u mxiet b’pass normali, kienet tidher fit-triq kif Helen Azzopardi u Ufficjal tal-Bank hargu jigru warajha.

“Il-konvenuta, meta xehdet, write li kienet tiftakar b’mod car il-passi li hadet meta harget mill-Bank (fol 217) izda stranament, meta bdiet tixhed, ma setghetx tiftakar jekk marretx biex tigbed LM700 jew LM800 mill-Bank, u kkonfermant is-somma ta’LM800 wara li l-Avukat taghha fakkarha u wrieha l-*voucher* relattiva (fol 210). Dan kien kaz li zgur effettwaha, specjalment fid-dawl tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra taghha, u l-amont involut kellu jkun zgur dettal hafna aktar importanti li kellha tiftakar, milli t-toroq li hadet biex marret sat-“Tico Tico” bar.

“Kollox ma kollox, din il-Qorti jidhrilha li l-versjoni li tat Helen Azzopardi hija aktar kredibbli. Ix-xhud Victor Vella darbtejn iddeskriva lil din il-kaxxiera bhala onesta u bhal li ma kellu ebda suspett fiha (fol 140 u 149) u anke din il-Qorti, minn dak li qrat, thoss li Helen Azzopardi hija persuna affidabbli.”

**L-appell tal-konvenuta.**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u, ghalhekk, b'rikors ipprezentat fit-22 ta' Lulju, 2003 talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar id-decizjoni fuq imsemmija u joghgobha tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.
Minn qari akkurat tar-rikors ta' appell jidher li, ghalkemm hemm diversi "aggravji" elenkati, fir-realta` l-konvenuta appellanti ressqet aggravju <u>wiehed</u> u cioe` li l-ewwel Qorti, waslet ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha minhabba apprezzament hazin tal-fatti tal-kawza; minn pagna 6 sa 14 tar-rikors ta' appell huma, in realta`, argumenti in sostenn ta' dan l-aggravju.

B'risposta ghal dan l-aggravju l-Bank appellat iccita diversi sentenzi ta' din il-Qorti biex jissostanzja l-argument tieghu li Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti ta' l-ewwel Qorti hlief jekk dak l-apprezzament "kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kreata ingustizzja". (**Carmelo Agius v. John Agius**, Appell Inferjuri 2/12/94).

Hija norma li f'kamp civili, kuntrarjament ghal dak li hu rikjest fi proceduri kriminali, f'kazijiet ta' kuntrast bejn verzjoni u ohra tal-kontendenti – haga li tirrikorri spiss – huwa bizzejjed li l-gudikant jkun moralment konvint mill-kredibilita` u attendibilita` ta' wahda mill-verzjonijiet. Huwa importanti, ghalhekk, li l-istess gudikant li jippronunzja s-sentenza, jkun l-istess gudikant li jkun sema' l-provi u wizinhom u huwa f'dawn ic-cirkostanzi li Qorti ta' revizjoni toqghod lura milli tiddisturba dak l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti. Kif sewwa osservat din il-Qorti, kif dakinhar komposta, fil-kawza **Bezzina v. Falzon** (11/1/1995) "..l-Appell ma tistax tissostitwixxi dak il-"konvinciment morali" b'konvinciment morali iehor kontrarju jew oppost. Dan mhuwiex il-kompitu ta' Qorti ta' Appell. Il-funzjonijiet u d-doveri ta' din il-Qorti huma ohra; huma ta' natura purament oggettivi fis-sens li kontra dak il-konvinciment morali soggettiv tat-Tribunal <u>li jkun sema' l-provi u wizinhom</u>, ghandha topponi elementi oggettivi ta' prova,

jew nkella ta’ dritt li jiggustifikaw lil din il-Qorti minhabba l-komposizzjoni plurali taghha, li fuq dawk l-elementi oggettivi hi tghaddi biex thassar jew telimina l-konvinciment morali soggettiv ta’ l-ewwel gudikant. Imma mhux altrimenti.” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Intqal ukoll fis-sentenza ta’ din il-Qorti, kif dakinhar komposta, tas-6 ta’ Dicembru 2002 fil-kawza “**Marshall Marcus v. Aquilina Raymond pro et**” illi “L-evalwazzjoni ta’ xhieda mismughin viva voce mill-ewwel Qorti normalment ma tigi disturbata qatt leggerment mill-Qorti ta’ l-Appell jekk mhux ghal xi raguni serja talment li tkun tiddetta xort’ohra. Dan ghaliex l-ewwel Qorti tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma’, tikkontrolla u tgharbel il-provi migjuba quddiemha.” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

F’dan il-kuntest jigi senjalat dak li qalet l-ewwel Qorti fil-pagna 7 tas-sentenza appellata wara li rraportat il-fatti tal-kaz: “Kif jidher dan hu kaz li jistrieh kompletament fuq apprezzament ta’ fatt. Hi hasra li kaz bhal dan mhux se jigi deciz minn min sema’ viva voce l-verzjonijiet tax-xhieda principali, biex ikun jista’ jsir apprezzament ahjar tal-versjonijiet taghhom. Fil-fatt ser jirrizulta, mhux biss li z-zewg xhieda principali instemghu minn zewg gudikanti differenti, izda d-decizjoni se tinghata minn gudikant li ma sama’ lil hadd minnhom.” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Fic-cirkostanzi, u a bazi ta’ l-insenjament hawn fuq riportat, din il-Qorti ma tara ebda ostakolu li, fil-masjoni taghha ta’ Qorti ta’ revizjoni, tezamina mill-gdid l-fatti rizultanti sabiex taghmel l-apprezzament taghha ta’ dawk il-fatti u, jekk ikun il-kaz, tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz sotto ezami jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet diametrikament opposti. Filwaqt li Helen Azzopardi, il-kaxxiera involuta, u konsegwentement anke l-istess Bank, jghidu li d-diskrepanza ta’ LM7,200 li instabet fil-kontijiet ta’ l-istess Helen Azzopardi grat minhabba li dan l-ammont inghata indebitament lill-konvenuta, l-istess konvenuta tichad dan bl-aktar mod kategoriku u enfatiku.

Kif sewwa rrilevat il-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza "**Xuereb Maria et v. Gauci Clement et":** "Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjlament dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvincment tal-gudikant." L-istess Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza "**Joseph Spiteri v. Carmen Spiteri**" osservat li: "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lil Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola 'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha."

**Ikkunsidrat**

Din hija kawza li, id-decizjoni fuqha, tippernja principalment fuq kwistjoni ta' kredibilita`. Mhux kontestat li l-Bank attur sab diskrepanza fil-flus li wahda mill-kaxxiera tieghu kellha meta saret ir-'*reconciliation*'. Infatti jirrizulta bla ebda dubbju li l-Bank jinsab minn taht fl-ammont ta' LM7,200. Il-kwistjoni kollha li kellha tigi ezaminata mill-ewwel Qorti, u li ser terga' tigi ezaminata minn din il-Qorti, hi, jekk l-allegazzjoni tal-kaxxiera Helen Azzopardi u cioe` li dawn il-flus inghataw bi zball lill-konvenuta flimkien mas-somma ta' LM800 li hija kienet marret tizbanka dakinhar tal-31 ta' Lulju 1990, ghandhiex mill-verita` in vista tal-opposizzjoni tal-konvenuta.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha jidher li l-ewwel Qorti tat kredibilita` lill-verzjoni ta' Helen Azzopardi, u konsegwentement laqghet it-talba attrici, billi, skond l-istess Qorti l-verzjoni ta' Manfred Tanti u ta' Simon Debono, zewg kaxxiera li kienu jahdmu ma' u hdejn il-kaxxiera in kwistjoni, Helen Azzopardi, "taghti kredibilita` lill-verzjoni ta' Helen Azzopardi" u ghalhekk osservat li "ma tarax ghaliex ghandha tiskarta x-xiehda taghhom."[1] Fl-istess hin l-ewwel Qorti skartat bhala mhux verosimili l-verzjoni tal-konvenuta.

**Ikkunsidrat**

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina dawk il-provi li kienu tant determinanti ghall-ewwel Qorti biex waslet ghad-decizjon taghha, huwa fid-dover taghha li tirrileva li l-provi dokumentarji jissufragaw il-verzjoni tal-konvenuta. Dan ghaliex jirrizulta li kemm fuq il-'*withdrawal voucher*' kif ukoll fuq il-'*cash book*' l-ammont li jirrizulta li l-konvenuta talbet li tigbed u l-ammont li gie rekordjat li nghatat huwa ta' LM800. Infatti l-'*withdrawal voucher*', li huwa dokument dettaljat hafna, mhux biss juri l-ammont li kien ser jigi rtirat mill-kont hemm indikat jinsab miktub b'ittri u b'numri, izda fl-istess dokument insibu indikat il-bilanc ta' qabel u l-bilanc rizultanti fil-kont wara li jkun sar l-istess zbank. Dan id-dokument jigi ffirmat mill-klijent quddiem il-*clerk* li jirregistra t-transazzjoni u wara jerga' jigi ffirmat quddiem il-kaxxier li jkun ser jeffettwa l-pagament.  Fil-'*cash book*', u cioe` dak id-dokument li suppost jimtela mill-kaxxier qabel ma jeffettwa l-pagament u li fih jirrekordja l-ammont li jkun gie mhallas, l-ammont indikat bhala moghti lil konvenuta kien ta' LM800.[2] Jekk hi verament ghaddiet lill-konvenuta l-ammont ta' LM8000 ghaliex, wiehed jistaqsi, fuq dan il-'*cash book*' nizzlet li ghadditilha LM800 biss? Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Bank attur kien fi dmir li jeghleb dawn il-provi favur it-tezi tal-konvenuta bi provi kredibbli u attendibbli tali li joholqu fil-gudikant dak il-konvinciment morali mehtieg biex tintlaqa' t-talba tieghu.

**Ikkunsidrat**

---

1 Fol. 9 tas-sentenza appellata.

2 Ara fotokopja tal-cash book a fol. 179 tal-process.

Jirrizulta li Helen Azzopardi kienet taghmilha ta’ kaxxiera fis-Savings Office ghal cirka tlett snin qabel ma sehh dan il-kaz u li b’kollox kienet ilha tahdem il-Bank ghal madwar sitt snin. Dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, huwa perjodu bizzejjed twil biex l-istess Azzopardi takkwista dik l-esperjenza mehtiega biex taqdi sew d-dmirijiet taghha fl-ipprocessar tat-transazzjonijiet bankarji li tigi mitluba li taghmel. B’dana kollu din il-Qorti tirraviza certa inkonsistenzi fl-atteggjament ta’ l-istess Helen Azzopardi li jdghajfu l-kredibilita` taghha.

Fl-ewwel lok din ix-xhud tikkonferma li huwa d-dmir tal-kaxxiera li meta persuna tigi quddiemha b’ ‘*withdrawal voucher*’ din tintalab biex terga’ tiffirma fuq wara ta’ l-istess dokument sabiex tqabbel il-firma li l-klijenta tkun ghamlet quddiem il-‘clerk’ ma dik li ssir quddiemha. F’dan ir-rigward pero’ jidher li Helen Azzopardi osservat biss li l-firma li l-konvenuta ghamlet quddiemha ma kinitx taqbel ma dik li saret quddiem il-‘clerk’ billi l-“J” ta’ Josephine kienet differenti fiz-zewg firem. Din il-Qorti pero` tosserva li hemm diskrepanzi ohra facilment osservabbli li persuna, ta’ l-esperjenza ta’ l-istess Helen Azzopardi, kien messha indunat bihom. Infatti fiz-zewg firem fuq wara tad-dokument (ghax il-konvenuta giet mitluba tiffirma darbtjen biex il-firma taghha tigi tixbah dik fuq quddiem tad-dokument) ma tirrizultax l-ittra “C” ghall-isem Carol li tirrizulta fil-firma fuq quddiem tad-dokument. Inoltre il-mod kif inhi miktuba l-ittra kapitali “F” ghal Farrugia, hija kompletament differenti kif miktuba fuq quddiem tad-dokument u kif miktuba fuq wara ta’ l-istess dokument. [3]

Dan qed jinghad mhux ghax hemm xi dubju dwar l-identita` tal-konvenuta bhala l-persuna li gibdet il-flus – dan mhux punt in kontestazzjoni – izda ghax dawn in-nuqqasijiet ta’ osservazzjoni f’persuna ta’ esperjenza jitfghu xi ftit ta’ dell fuq il-kredibilita` taghha dwar dak li sehh jew sahansitra jistghu jispjegaw l-istat mentali tax-xhud Azzopardi minhabba incident li kien sehh precedentement.

---

3 Ara dok. H.A.1 a fol 29 tal-process.

Barra minn hekk, din il-Qorti tistaqsi, kif setghet, l-istess Helen Azzopardi, tghid li rat ossia qrat il-‘*withdrawal form*’ ghall-ammont ta’ LM8,000? Din il-Qorti forsi, b’hafna tqanzieh, tikkoncedi li l-kliem “Eight hundred” fuq il-‘*withdrawal form*’ ma kienux daqstant cari, ghalkemm difficli taqra l-kelma “hundred” bhala “thousand”. Biss fl-istess ‘*withdrawal form*’, kif gia` nghad hawn fuq, l-ammont kien miktub b’numri u cioe` LM800 u mhux talli hekk biss talli dan id-dokument juri l-‘*opening balance*’ u r-‘*resultant balance*’ fil-kont tal-konvenuta. Semplici harsa lejn dawn il-figuri, minn persuna intiza fix-xoghol in kwistjoni, kien, fl-assenza ta’ awtorizzazzjoni specifika tal-Manager tal-Bank biex jsir “over withdrawal”, mhux biss iwassalha ghal konkluzzjoni li l-ammont rikjest kien ta’ LM800 talli mill-‘*opening balance*’ tal-kont muri fuq dan id-dokument, kien jirrizultalha li l-konvenuta qatt ma setghet tigbed LM8000.

B’dana kollu huwa minnu dak li qed jinghad mill-Bank attur li, rrispettivament minn kollox, dak li gara kien l-effett ta’ zball. Huwa minnu ukoll li qabel ma Helen Azzopardi serviet lill-konvenuta, kien hemm incident li, xi ftit jew wisq iddisturbaha, billi klijenta tal-Bank oggezzjonat, anke b’mod qawwi u aggressiv, ghar-rifjut ta’ Helen Azzopardi li ssarfilha cheque ta’ bintha billi kien jissarraf biss mill-persuna indikata fuqu. Huwa minnu wkoll li qrib dak li allegatament sehh mal-konvenuta, l-istess Helen Azzopardi kellha fil-pussess taghha somma konsiderevoli (cirka LM13,000) li kienet giet depozitata minn klijent iehor tal-bank. B’dana kollu dan ma jfissirx necessarjament li l-flus li rrizultaw nieqsa nghataw jew ittiehdu mill-konvenuta.

**Ikkunsidrat**

Da parti tal-Bank tressqu bhala xhieda ta’ dak li gara l-istess kaxxiera Helen Azzopardi u z-zewg kaxxiera l-ohra u cioe` Simon Debono u Manfred Tanti. Min-naha tal-konvenuta insibu biss lill-istess konvenuta u certa Mary Muscat. Persuna ohra, certa Nadia Cacciattolo (illum Brincat), indikata bhala xhud tal-fatt ta’ meta l-konvenuta

gibdet il-flus, meta tressqet biex tixhed cahdet bl-aktar mod kategoriku li kienet taf xi haga dwar l-akkadut. Ix-xhieda l-ohra mressqa mill-Bank xhedu fuq il-proceduri li ghandhom jigu osservati mill-kaxxiera meta jsiru dawn it-transazzjonijiet u x'gara wara l-akkadut biex saru l-verifiki. Ta minn josserva li l-Manager tal-Bank kien akkompanja lil Helen Azzopardi sar-residenza tal-konvenuta pero` ma sabuhiex. Fl-ahharnett din il-Qorti tosserva li ghalkemm issemmew statements li saru immedjatament wara l-akkadut minn Simon Debono u Manfred Tanti, dawn l-istess statements ma gewx esebiti u l-ewwel Qorti kellha tistrieh fuq xiehda taghhom li inghatat hafna zmien wara l-akkadut.

Huwa rilevanti li jinghad li t-tlett kaxxiera kienu hdejn xulxin fuq bank wiehed minghajr "*partitions*" bejniethom. Ix-xhud Helen Azzopardi kienet fuq l-estrem lemin u kellha fuq ix-xellug taghha lil Simon Debono li, min-naha tieghu kellu lil Manfred Tanti ukoll fuq ix-xellug tieghu. Igifieri ma kien hemm xejn x'jostakola l-vizwali tal-kaxxiera b'mod li kull wiehed seta' jara l-kaxxier l-iehor x'qed jaghmel. Dan premess, izda, ghandu wkoll jigi rilevat li dakinhar li sehh il-kaz kienet l-ahhar gurnata tax-xahar meta, kif ikkonfermaw l-istess kaxxiera u sahansitra l-Manager tal-Bank, il-volum tax-xoghol ikun qawwi billi hafna nies jmorru biex isarrfu c-cheques tal-pagi – wiehed ghalhekk ghandu jassumi li sindikajr kien hemm mill-anqas. B'dana kollu kemm Debono kif ukoll Tanti xhedu li raw lil Helen Azzopardi taghti "pakketti ta' flus" –"minn hamsa sa sitt pulzieri gholi" lill-konvenuta ghalkemm ma setghux jghidu kemm kien l-ammont in kwistjoni.

Dwar din ix-xiehda l-appellanti, fir-rikors ta' appell, osservat li "*m'hija xejn konvincenti jew kredibbli oggettivament. Id-disposizzjoni taghhom tippartecipa izjed minn hekk imsejjah "esprit de corps" jew ahjar "esprit de voitures" milli minn konstatazzjoni oggettivi ta' fatt.*" U kompliet hekk: "*In-nuqqas ta' kredibilita` ta' Manfred Tanti u Simon Debono tohrog mill-fatt li filwaqt li suppost ftakru dwar it-transazzjoni ta' Farrugia, ma ftakru xejn dettalji dwar it-transazzjonijiet l-ohra*."

Minn ezami tax-xiehda ta' dawn iz-zewg impjegati tal-Bank wiehed jista' jikkondividi dak li qed jigi sottomess mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha. Biss din il-Qorti tosserva li kien hemm zewg fatturi li gaghlu li l-attenzjoni ta' dawn ix-xhieda tigi indirizzata lejn dak li kien qed isir fil-parti tal-bank okkupat minn Helen Azzopardi. Mill-banda l-wahda kien hemm l-incident mal-klijient dwar ic-cheque li ma ssarrafx. Ghalkemm mhux impossibbli li jinqalghu dawn it-tip ta' incidenti jidher li l-atteggjament ta' din il-klijenta kien tali li mhux talli iddisturba serjament lill-kaxxiera Helen Azzopardi talli kien jehtieg l-intervent tan-nies addetti mis-"*security*". Incident bhal dan zgur baqa' impressjonat f'mohh il-kaxxiera l-ohra u cioe` t-tnejn hawn fuq imsemmija. Fattur iehor li certament kellu rilevanza kien il-fatt li immedjatament qabel jew wara (dwar dan dawn iz-zewg xhieda mhux certi) Helen Azzopardi giet rinfaccjata minn klijent li ghamel depozitu ta' somma konsiderevoli – madwar tlettax-il elf lira Maltin. Kien ghalhekk li dawn iz-zewg kaxxiera kellhom l-attenzjoni taghhom indirizzata lejn dak li kien qed isir ftit piedi 'l boghod minnhom minn Helen Azzopardi, billi kif qal ix-xhud Tanti, mhux haga difficli li, bl-esperjenza li jkunu akkwistaw, jaqdu klijient li jkun quddiemhom u anke joghoddu l-flus, filwaqt li l-attenzjoni taghhom tkun band'ohra. Din il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li ix-xiehda ta' dawn it-tnejn ghandha tinghata kredibilita`.

Izda apparti dan, din il-Qorti hija ukoll konvinta mill-kredibilita` tax-xiehda ta' Helen Azzopardi billi fl-ewwel lok ma jirrizulta li kien hemm ebda transazzjoni jew klijent iehor bejn meta l-istess Azzopardi rceviet l-ammont konsiderevoli ta' flus kif fuq inghad, u s-servizz li nghata lill-konvenuta. Fit-tieni lok jirrizulta b'mod car minn diversi xiehda r-reazzjoni <u>immedjata</u> ta' l-istess Helen Azzopardi hekk kif qdiet lill-konvenuta. Infatti l-istess Azzopardi tghid li hi ndunat bl-izball qabel ma l-istess konvenuta lahqet harget mill-Bank. <u>Din ir-reazzjoni setghet tkun biss rizultat ta' meta Azzopardi marret biex tittraskrivi t-transazzjoni minn fuq l-"*withdrawal form*" ghal fuq il-"*cash book*"</u>. F'dak il-mument l-istess Azzopardi kellha ta' bilfors terga' tezamina l-istess "*withdrawal form*" billi fuq il-"*cash book*" kellha tikteb in-numru ta' l-Account tal-konvenuta li kien

jinsab imnizzel fl-istess "*withdrawal*" form. L-agir spontaneju tax-xhud Azzopardi seta' biss kien reazzjoni ghal gharfien ta' l-izball li kien sehh ftit mumenti qabel. Din il-Qorti ghalhekk ukoll, bhal l-ewwel Qorti, hija moralment konvinta li l-flus neqsin kienu nghataw lill-konvenuta.

Dwar x'gara barra l-Bank din il-Qorti ma thoss li ghandha taghmel ebda kumment ghax din tkun mera spekulazzjoni billi ma hemmx provi sufficjenti jew korroborattivi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------